**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Carmel Polidano**
**Michael Mercieca**
**Muhammad Saleem**

**Kumpilazzjoni numru 252/2017**

**Illum 27 ta' Lulju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Carmel Polidano** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 506259 (M), **Michael Mercieca** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 624160 (M) u **Muhammad Saleem** detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV8406515 billi huma akkuzati talli:

Lil Carmel Polidano waħdu akkuzat talli:

Nhar it-28 ta' Novembru 2015, għall-ħabta tal-16,30 ta' wara nofs inhar, ġewwa Monte Kristo Animal Park, f'Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi:

1. Ikkommetta r-reat illi jrabbi annimali aggressivi li jistgħu joħolqu periklu għas-sigurta tal-bniedem jew annimali oħra u li jappartjenu għal dawk il-kategoriji indikati mill-Ministru ma jistgħux jirtabbew, jew jiġu importati jew mibjugħa f'Malta;

2. U aktar talli żamm stabbiliment zooloġiku mingħajr liċenzja;

3. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi hija defenittivi u ma jistgħawx jiġu mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem

Akkuzati talli nhar it-28 ta' Novembru 2015, għall-ħabta tal-16.30 ta' wara nofs inhar, ġewwa Monte Kristo Animal Park, Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi:

4. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni taghhom, jew, b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw offiża li tkun gravi fuq il-persuna ta' Ayden Cordina.

**Ikkunsidrat:**

**Il-fatti specie tal-kaz**

Fit-28 ta' Novembru 2015 fis-sit maghruf bhala Montrekristo Estates f'Hal Farrug il-minuri Ayden Cordina sofra grieħi ta' natura gravi per durata f'wiccu minn tigra li kienet marbuta b'cinga tal-ħadid barra mill-gaġġa tagħha miżmuma minn *handler.* It-tigra jidher li nharget mill-

*handler* taghha biex taghmel ftit passi u meta t-tifel nizel minn fuq *carousel* fl-inhawi spicca qrib din it-tigra u gie attakkat.

Illi għalkemm ġie ivverbalizzat u esebit dokument illi l-familja tal-vittma u l-imputati ittranżiġew bejniethom rigward danni u ma kienux aktar interessati fi proceduri kriminali, l-Qorti ha tiehu inkonsiderazzjoni ta' dan jekk tinstab xi htija ghal skop ta' piena, izda l-Qorti trid tiddeciedi fuq l-akkuzi migjuba mill-prosekuzzjoni ghaliex id-dikjarazzjoni tal-*parte civile* ma twassalx biex il-procediment ikun ezawrit.

Ghalkemm l-incident sehh fit-28 ta' Novembru 2015, il-proceduri kontra l-imputati nbdew fid-9 ta' Gunju 2017.

**Process ghandu jkun deciz fuq il-provi biss**

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu u ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

**<u>Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddecidi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.</u>**

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[1] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

U kif isostni l-**Archbold** meta jitkellem dwar ***Seriousness*** [22-6] jghid li:

> *"The seriousness of an individual case should be judged on its own dimensions of harm and culpability rather than as part of a collective social harm. It is legitimate for the overall approach to sentencing levels of particular offences to be guided by their cumulative effect. However, it would be wrong to further penalise individual offenders by increasing sentence length for committing an individual offence of that type."*

[1] (1974) 60 Cr. App. R. 74

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza <u>u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process</u>".**

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu tlettax (13) -il xhud kif gej:

Vincent Ciliberti (*a fol* 173 et. seq.); Perit Richard Aquilina (*a fol* 175 et. seq.); PC 1331 Darren Debattista (*a fol* 177 et. seq.); Spettur Chantelle Casha (*a fol* 179 et. seq.); Dr Roberto Andrea Balbo (*a fol* 189 et. seq.); Duncan Chetcuti Ganado (*a fol* 194 et. seq.); Emanuel Grech (*a fol* 199 et. seq.); Deniro Barun (*a fol* 204 et. seq.); Spettur Alfred Mangion (*a fol* 210 et. seq.); Felix Barun (*a fol* 217 et. seq.); Kylie Borg (*a fol* 222 et. seq.); Dr Mario Scerri (*a fol* 226 et. seq.); Duncan Chetcuti Ganado (*a fol* 236 et. seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[2]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[3] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm deskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent izda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi zgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-kaz u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**Responsabbilta vikarja**

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta' l-imputati jirrizulta illi l-partikolarijiet taghhom gew indikati korrettament sabiex

b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita taghhom. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsabu akkuzati bihom fl-imsemmija tahrika.

Jirrizulta izda illi m'hemmx indikazzjoni li dawn ir-reati gew addebitati lil Carmel Polidano bhala rapprezentanti ta' korp guridiku jigifieri x'vesti qieghed ikun imharrek jekk hux bhala direttur tal-kumpanija li tiggestixxi l-fond, jekk hux bhala manager jew xi kariga ohra.

Illi dwar ir-responsabbilta' vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputat jigi iccitat fil-vesti tal-kariga tieghu. Bizzejjed li jigi citat b'mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu bhala ufficjali tal-korp.

Ma ngabitx prova mill-prosekuzzjoni li fil-fatt huwa kien dirigent tal-korp li jiggestixxi l-post fejn kien sar l-allegat reat jew inkella f'dan il-kaz li t-tigra tohrog passiggata mal-*handler* taghha kien ordnat minnu u li huma allura qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995][4]:-

> *"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*
>
> **Izda**:
>
> *"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *– mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza –* ***ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux*

---

[4] Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano

*ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[5]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta' vikarja li jista' ghandu l-imputat ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, jibqa' ghalhekk biex jigi determinat jekk giex ippruvat illi fil-vesti tieghu, mhux indikat fl-akkuza, jistax jinzamm responsabbli ghall-incident li sehh b'xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni.

**Proces Verbal tal-Magistrat Inkwirenti**

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz pruvat kemm-il darba meta mistoqsija varji domandi mill-Qorti inkluz dwar id-dewmien biex dan il-kaz spicca l-Qorti u dwar it-tip ta' indagni li saret u t-tip ta' akkuzi li nhargu wiegbu billi qalu li stennew lill-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta taghlaq jew inkella ghax hekk kien indikat fl-inkjesta. Il-Qorti se tindirizza dan.

Il-Qorti taghmilha cara li filwaqt li ssostni li inkjesti mhux daqshekk ikkumplikati m'ghandhomx jiehdu t-tul biex jitlestew. Hafna drabi tkun l-istennija ghar-rapporti tal-esperti li jtawwlu z-zmien biex l-inkjesta tinghalaq **izda** hija prassi li l-pulizija li tkun qieghda taghmel l-investigazzjoni taghha jekk thoss li hemm provi bizzejjed biex kaz jasal il-Qorti taghmel dan u titlob lill-Magistrat Inkwirenti biex tinghalaq l-inkjesta u **mhux kif gara f'dan il-kaz li tingieb l-iskuza li stennew il-Magistrat Inkwirenti taghlaq l-inkjesta.**

[5] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

Il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl- ismijiet **Republika ta' Malta vs Jason Calleja** nghad li:-

*"In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l- inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir- reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il- haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in* ***re Regina vs George Terreni,*** *obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Is-sentenza tipprovdi ukoll li:-

*".. certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il- mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat.*

*Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal- kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja w inqas ta' Gudikatura.*

*Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-*

*Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu."*

Dan kollu jfisser li jekk nghidu ahna tigi rapportata mewt ta' persuna lil Magistrat Inkwirenti, huwa d-dover tieghu li jigbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, izda kif dik il-mewt giet jew setghet giet kawzata kif ukoll jekk hemmx provi bizzejjed biex xi hadd jista' jigi akkuzat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija ghandiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha in generali jew f'linja partikolari. Dan, evidentement jinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Magistrat Inkwirenti li ghalkemm huwa limitat, dejjem irid isir u li necessarjament jinkludi sa' certu livell apprezzament ta' provi.

S'intendi, dan kollu jrid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, il-Magistrat Inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet, jiddeciedi li jikkontraponi xhieda ma' ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' invece jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. In massima generali, pero', dak li huwa mportanti huwa li bhal Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, l-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il- funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor. Hu importanti li l-Magistrat Inkwirenti jzomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-*proces verbal* li jkun irrediga hu wkoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.

Parametru iehor johrog minn dak li tghid il-ligi u anki l-ftit gurisprudenza in materja. Kif inghad diga, fit-termini tal- artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-*proces verbal* maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza, izda dan jista' jsir *"minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, l-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access"*.

Dawn il-Qrati qatt ma interpretaw din id-disposizzjoni bhala li tfisser li l-*proces verbal* tal-Magistrat Inkwirenti ghandu aktar importanza minn, jew jirbah fuq, il-principju li fil-process penali x-xhieda ghandhom jinstemghu viva voce, izda biss li fejn xhud ma jistax jinstemgha aktar viva voce, ghax ma jkunx possibli, jew ghax assenti, jew ghax miet, allura dak li jista' jkun iddepona fil-kors tal-access, jista' jingieb u jintuza bhala prova, bhal ma prova testimonjali migbura fil- kors ta' access tista' tintuza biex jigi kontrollat l-istess xhud waqt li qed jiddeponi viva voce.

**Opinjoni ta' esperti**

Biex dan l-argument legali jkun komplut u la l-Qorti dahlet dwar l-inkjesti Magisterjali tajjeb li jkun iccarat ukoll ir-rwol tal-esperti fil-process penali.

Il-Qorti se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna li trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[6] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil- fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

---

[6] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet anke toqgħod għall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiża li ġarrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinħass", u ma toqgħodx għall-fehma tiegħu illi tali offiża ma tikkostitwix sfreġju ġaladarba hija stess ikkonstatat illi l-offiża in kwistjoni "hija waħda visibbli minn distanza normali". Skond ġurisprudenza ormai paċifika difatti, il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il- Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[7] ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha*

[7] Appell Civili Numru. 24/2008/1

*tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[8] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord***

[8] Appell Kriminali Numru 3333/2010

***Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[9] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* **"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* **"kontra l- perswazjoni"** *taghhom ma kienx ifisser* **"kontra l-kapricc ta' mohhkom"** *izda ghal raguni valida legalment.*

[9] Appell Kriminali Numru 9/1996

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta v. John Borg**[10] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***
*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[11] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[12]*, King C.J. qal:*
***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be***

[10] Appell Kriminali Numru 22/1997

[11] Para. F10.3 pagna 2120.
[12] Para. 10-65 pagna 1234.

***greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***
***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir*

*referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubbblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il- kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

**Il-Qorti tirrimarka illi l-opinjoni ta' espert, wiehed jista' jirrispettaha izda ma jfissirx illi dak li jghid l-espert huwa dogma tal-fidi u ghalhekk l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi min ghandu jiggudika mill-fatti mhux marbut mal-konkluzzjoni tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.**

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputati.

**<u>L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni fil-konfront ta' Charles Polidano biss</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-legislazzjoni sussidjarja Kapitlu 439.08 tat-30 ta' Settembru 2003 fejn tispecifika d-definizzjoni 'Zoos':

*"zoos" means all permanent establishments where animals of wild species are* ***<u>kept for exhibition to the public for seven or more days a year</u>****,..* (Enfazi tal-Qorti)

Fl-istess legislazzjoni **f'paragrafu 4/(5)** tispecifika illi jekk iz-Zoo ma jkunx licenzjat, dan ghandu jinghalaq mis-servizzi veterinarji:

*If the zoo is not licensed in accordance with these regulations or the licensing conditions are not met, the zoo or part thereof - (a) shall be closed to the public by the Veterinary Services; and, or (b) shall comply with appropriate requirements imposed by the Veterinary Services to ensure that the licensing conditions are met.*

Studenti fi skola primarja tghallmu permezz ta' dizzjunarji maghrufa din id-defenizzjoni ta' Zoo:

*An establishment which maintains a collection of wild animals, typically in a park or gardens, for study, conservation, or display to the public*[13]*.*

*An area in which animals, especially wild animals, are kept so that people can go and look at them or study them*[14]*.*

*A facility with usually indoor and outdoor settings where living,*

[13] Oxford Dictionary
[14] Cambridge Dictionary

*typically wild animals are kept especially for public exhibition — called also zooological garden, zoological park*[15]

*A zoo is a park where live animals are kept so that people can look at them*[16].

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz naqset li tipproduci lista tal-annimali li seta' kien hemm fil-lok in kwistjoni fil-jum tal-incident. Lanqas fil-*Proces Verbal* esebit f'dawn l-atti ma tinstab lista ta' annimali li kien hemm jekk kien hemm f'dak il-jum. Fil-process kollu l-Qorti sabet ritratti biss ta' annimal wiehed u li jidher li hija tigra. **Allura kif xi hadd jippretendi lil din il-Qorti issib lil xi hadd hati li zamm zoo meta min investiga hadd ma ndenja ruhu jaghmel lista tal-annimali li kien hemm, jekk kien hemm, biex ikun ippruvat li kien hemm zoo skont id-definizzjoni tal-ligi? U kif jigri incident bhal dan u hadd mis-Servizzi Veterinarji ma jindenja ruhu jmur fuq il-post dakinhar stess u jaghmel elenku tal-annimali li hemm?** Il-lista esebita f'dawn l-atti mid-Direttur tal-Veterinarji mhix lista tal-annimali li kien hemm fit-28 ta' Novembru 2015; mhix lista li thejjiet minnu jew minn raprezentant tieghu izda nghatat lid-Dipartiment minn min jiggestixxi l-post. **Huwa stess fix-xhieda tieghu qal li dakinhar tal-incident huwa ma marx fuq il-post u wisq inqas hejja inventarju tal-annimali li kien hemm fil-fond.**

---

[15] Merriam Webster Dictionary
[16] Collins Dictionary

Il-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet ghamlet ezercizju fejn spjegat x'inhi tigra u x'inhuma annimali slavagg:

> "Illi skond l-'Oxford dictionary' l-annimal tigra li bil-lingwa Ingliza hija msejjha '*tiger*' hija deskritta bħala '*A very large Solitary cat With a yellow- brown coat stripped with black, native to the forest of Asia but becoming increasingly rare*'. Illi l-istess speċi ta' annimal (tigra), m'hijiex meqjusa bħala annimal domestiku, anzi huwa meqjus bħala annimal salvaġġ.
>
> Illi skond Duhaime's Law Dictionary, annimali selvaġġi li bil-lingwa Ingliza huma msejħa 'wild animals' tfisser ' *Animals that, as a matter of common knowledge, are naturally ferocious, unpredictable, dangerous, mischievous, or not by custom devoted to the service of mankind at the time and in the place in which it is kept*'. F'liema deskrizzjoni jispjega li annimal selvaġġ huwa meqjus li huwa *'ferae naturae' li l-istess* Duhaime's Law Dictionary ifisser din il-kelma bħala *'wild in nature; usually in reference to wild animals such as monkeys or lions'*.
>
> Illi it-tigri huma ġejjin mir-razza tal-qtates kbar, liema qtates kbar huma deskritti skont l-Oxford dictionary bħala '*any of the large members of the cat family including the lion, tiger, leopard, jaguar, snow jaguar, clouded leopard, cheetah and puma*'.
>
> Illi l-istess Duhaime's Law Dictionary jirreferi għall-annimali selvaġġi bħala '*Wild animals are those which possess a wild nature or*

*disposition and so require to be reclaimed and made tame by art, industry, or education or else must be kept in confinement to be brought within the immediate power of the owner'"*

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi Carmel Polidano zamm dan l-animal park u cioe' z-zoo miftuh ghall-pubbliku **ghal aktar minn sebat ijiem** kif tipprovdi d-definizzjoni ta' zoo fl-Artikolu 2 tal-S.L. 439.08. Illi l-Prosekuzzjoni stess sparat ghal saqajjha meta fl-imputazzjoni **taghti d-data biss tat-28 ta' Novembru 2015**. Jekk fl-akkuza li prezentat il-Prosekuzzjoni qieghda taghti data wahda allura kif tista' tippretendi li ssib lill-imputat hati li zamm zoo meta ma ngabitx il-prova krucjali li zamm dan ghal aktar minn sebat ijiem kif titlob il-ligi?

Illi meta sehh l-allegat incident, it-28 ta' Novembru, 2015 l-Ligi Sussidjarja 439.19 kienet ghadha ma gietx in vigore. Ir-**Regolamenti dwar il-Pussess u z-Zamma ta' Annimali Perikoluzi** dahlet fis-sehh permezz tal-**Avviz Legali 46 tal-2016** fil-5 ta' Mejju, 2016.

Il-ligi sussidjarja 439.08 intitolata '**Keeping of Wild Animals in Zoos Regulations**' ma tapplikax ghall-kaz in ezami ghaliex irrizulta mil-provi prodotti illi l-pubbliku dahal biss f'dan is-sit f'okkazjoni wahda u cioe' nhar it-28 ta' Novembru 2015 u l-Ligi Sussidjarja 439.19 intitolata '**Owning and Keeping of Dangerous Animals Regulations'** giet promulgata fil-5 ta' Frar 2016 ma tapplikax ghall-kaz in dezamina.

**Ir-raba′ (4) imputazzjoni fil-konfront tat-tliet imputati**

*L-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9 – Il-Kuncett ta′ Negligenza*

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg tejoriji partikolari dwar il-kuncett ta′ negligenza: it-tejorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-tejorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabbilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta′ dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta′ attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f′cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-tejorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista′ jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f′li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f′dak il-kaz partikolari.

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225, [17] 226[18] u 328[19] jitkellem fuq *"nuqqas ta′ hsieb, traskuragni, nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta′ tharis ta′ regolamenti"*.

---

[17] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[18] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu*: "Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-*

Ma tezisti l-ebda spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet ikkagunata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`.

Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikoli 328, il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa bbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-

---

*kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-prociediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[19] L-artikolu 328 jaqra: "*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza.*"

Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[20]

Jekk wiehed iqis it-termini uzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat.

Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

Il-parti operattiva u essenzjali tal-akkuza li giet dedotta fil-konfront tal-imputati hija li huma ikkagunat griehi gravi fil-konfront ta' Ayden Cordina *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"*.

Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* mhumiex moghtija definizzjoni mill-ligi pero jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[21].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "<u>possibility of foreseeing</u>" the event which has not been*

[20] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662
[21] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69

*foreseen"*[22]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto le conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[23].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non volute. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[24]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[25] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti billi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti billi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevvista:

---

[22] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)
[23] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)
[24] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[25] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)

kieku kienet ukoll prevvista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**[26], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*
>
> *Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

[26] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

**Il-kuncett tal-*bonus pater familias***

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[27] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'mohhu bniedem ta' intelligenza ordinarja:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> > **Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri**

[27] App Nru 192/08

**m'ghandiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [28]:**

> **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[29]**

[28] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.
[29] Para. 7.28, pp. 232-233.

**U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[30] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

> **"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[31] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**
>
> **"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will**

[30] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[31] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[32]**

Fil-konfront ta' **Carmel Polidano** ma jistax jinghad illi hemm provi sufficjenti in atti lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-harga

[32] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

tat-tigra ghall-passigjata ghax kienet ma tiflahx kienet ordnata minn Carmel Polidano u dan anke fl-isfond tal-analizi li ghamlet il-Qorti dwar ir-responsabilta' vikarja aktar 'l fuq.

Fil-konfront ta' **Michael Mercieca** **i**l-grad tal-prova milhuq mill-prosekuzzjoni ma hijiex sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghal kundanna tieghu billi ma jirrizultax b'mod car li hu kien responsabbli ghal dan is-sinistru u ghalhekk se jkun illiberat.

Fil-konfront ta' **Muhammad Saleem** il-*handler* tat-tigra, l-Qorti thoss li kellu joqghod aktar attent u jekk kellu johrog it-tigra ghall-mixja, zgur li din il-mixja ma kelliex tkun fejn seta kien hemm access tal-pubbliku u jsehh incident kif gara f'dan il-kaz li seta kellu konsegwenzi ferm u ferm aktar gravi u ghalhekk il-Qorti se ssib htija fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflita l-Qorti ddeliberat fit-tul. Ikkunsidrat li l-piena qatt ma ser isservi sabiex titpatta l-hsara li ggarbet il-vittma kawza tas-sinistru. Izda l-Qorti zammet quddiem ghajnejja **d-dikjarazzjoni tal-*parte civile* u l-fatt li dwar l-incdent thallsu danni lill-vittma**.

Il-piena ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir li l-imputat, stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero' ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Carmel Polidano hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u minnhom tilliberah; ma ssibx lill-imputat Michael Mercieca hati tar-raba' (4) imputazzjoni u minnha tilliberah; issib lill-imputat Muhammad Saleem hati tar-raba (4) imputazzjoni u wara li rat artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda in vista tac-cirkostanzi kollha fuq imsemmija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna lil Muhammad Saleem ihallas terz tal-ammont ta' €1,167.79 jigifieri €389.27 rapprezentanti spejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx fi zmien xahar millum ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**